KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi
B'Urġenza

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 483 (9-26) b'urġenza

It-Tnejn 27 ta' Frar 2026 fl-4.00 ta' filgħaxija.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Julian Borg
Il-Viċi Sindku Ryan Cachia
Il-Kunsillier Christopher Farrugia
Il-Kunsillier Albert Pace
Il-Kunsillier Charles Vassallo

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Dominic Grech

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Julian Borg ippreseda l-laqgħa.

***483.1 Applikazzjoni PA07540/25 'To propose a Crematorium and a system of columbarium' s adjacent to an approved Cemetery with PA/03568/06. Proposal includes the design of a garden incorporated with the proposed columbarium' s and Crematorium. To Sanction the construction of boundary walls within the perimeter of the site'.***

Is-Sindku ta spjega tal-applikazzjoni u tal-proċess tal-applikazzjoni s'issa. Hu qal li fl-2006 saret applikazzjoni għal estensjoni li kienet approvata u imwettqa. Fl-2024 kien hemm applikazzjoni għal Columbarium (mhux creamatorium) li eventwalment ġiet irtirata. Il-Kunsill kien oġġezzjona għal din. Fl-2025 saret l-applikazzjoni għall-crematorium li bħalissa qegħda fil-proċess ta' screening.

Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi għandi jimromwovi art agrikola fis-siġġiewi għat-trobbija ta' annimali . u użu agrikolu u mhux għal tali użu. Hu qal li f'każ li l-kunsill ma jsibx oġġezzjoni, ikun qed joħloq preċedenti u jmur kontra l-prinċipju ta' li dejjem żamm miegħu il-Kunsill anka dawk preċedenti. Is-Sindku propona li jiġi ingaġġat espert ambjentali fuq dan is-suġġett.

Il-Kunsillier Albert Pace qal li l-applikazzjoni issa hija crematorium u colombarium. Hu saqsa x'tip ta' emissjonijiet ser ikun hemm, x'kompożizzjoni ta' emissjonijiet, effetti fuq is-saħħa, x'dokumenti intalbu mill-Awtoritajiet s'issa. Is-Sindku wieġeb li il-Kunsill saqsa għad-dokumentazzjoni kollha li ġiet sottomessa, iżda s'issa ma rċevejna xejn.

Il-Kunsillier Albert Pace qal li ġie ikkuntattjat mill-iżviluppatur, fejn qed jitlob laqgħa mal-kunsill biex jagħmel preżentazzjoni tal-proġett. Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li l-Kunsillieri m'humiex tekniċi fuq is-suġġett, u talab biex jekk issir din il-laqgħa, l-kunsill ikun rrappreżentat minn espert.

Is-Sindku propona numru ta' persuni esperti fuq il-liġi tal-ambjent u l-ippjanar li jistgħu jiġu kkuntattjati biex jagħtuna stima.

Il-Viċi Sindku rrefera għal artiklu fuq it-Times of Malta tas-sena 2024 (29/09/2024) fejn juri statistika tad-domanda tal-Maltin li użaw is-servizz ta' krematorju u li hemm probabilta' li jiġi approvat krematorju maċ-ċimiterju tal-Addolorata. Hu rrefera wkoll għal artiklu tat-Times of Malta tat-26 t'Awissu 2025 fejn jgħid li l-applikazzjoni għal krematorju fil-Gudja ġie rifjutat mill-PA, anka wara insistenza u protesti mir-residenti u mill-Kunsilli Lokali tal-madwar, fuq bażi ta' policies ambjentali li jinkludu teħid ta' art agrikola u żvilupp fil-widien.

Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li ser ikun hemm ukoll impatt tat-traffiku fiż-żona. Hu qal li mitt jew elf karozza xorta huma impatt negattiv fuq il-lokal, hu l-interess tal-Kunsill li nissalvagwardjaw l-art rurali tal-lokalita'.

Il-Kunsilliera Stephanie Vassallo qalet li il-fumes ser jaffetwaw ukoll il-water table u l-prodotti agrikoli għax jiġu depositati fil-wiċċ tar-raba. Hi qalet li din hija ċiklu ta' effetti negattivi fuq is-saħħa tagħna.

Is-Sindku qal li għalkemm il-feedback ġenerali tan-nies huwa li jridu li malta jkun haw krematorju, fejn anka kien hemm diversi kummenti fuq il-midja soċjali, ir-residenti tal-lokal ma jridux li dan ikun fil-lokalita' u għalhekk għandu jinstab post iktar adattat.

Il-Kunsillier Christopher Farrugia qal li l-interess tal-Kunsill Lokali huwa li jissalvagwardja n-nies tal-lokal u l-lokal innifsu u għalhekk għandu joġġezzjona għal tali żvilupp.

Għalhekk, wara d-diskussjoni, il-Kunsill qabel li jinġiebu stimi biex jiġi ingaġġat espert biex ikollna iktar dettalji dwar l-effetti ta' din l-applikazzjoni li bħalissa għadha fi stat ta' screening, u nibqgħu insegwu.

Is-Sindku propona li tinħareġ stqarrija pubblika.

Il-laqgħa intemmet fil-5.00 pm.

Konfermati, illum 23 ta' Marzu 2026.

Julian Borg
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv